**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 9**

**L-Erbgħa, 10 ta' Mejju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.07 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti għal-laqgħa.

L-Onor. Ministru Clayton Bartolo kien assenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 8, li saret it-Tlieta, 2 ta' Mejju 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-AMBAXXATUR GIOVANNI MICELI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ARMENJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, li fiha kien hemm 12-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa preċedenti, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

L-ewwel nomina quddiem il-Kumitat kienet tal-Ambaxxatur Giovanni Miceli li kien qed jiġi nominat għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Armenja.

Il-Kumitat stieden lill-Ambaxxatur Giovanni Miceli sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li l-Ambaxxatur Miceli kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

L-Ambaxxatur Giovanni Miceli daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Ambaxxatur Miceli li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

L-Ambaxxatur Miceli ta rendikont tal-karriera tiegħu fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, fejn spjega li beda l-karriera tiegħu fl-1977 meta mill-Amministrazzjoni Pubblika huwa beda jaħdem f'ambaxxati varji, ġie stazzjonat f'Pariġi fejn serva bħala First Secretary u Konslu Ġenerali. L-Ambaxxata Maltija f'Pariġi kienet ukoll akkreditata fi Spanja, il-Portugall u l-Isvizzera. Minn Pariġi l-Ambaxxatur Miceli ngħaqad maċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti tas-CSCE ta' dak iż-żmien fi Vjenna, u wara reġa' lura fl-uffiċċju prinċipali fejn serva, *inter alia*, bħala Direttur tal-Affarijiet Multilaterali. Fl-2007 ġie stazzjonat il-Kajr bħala Ambaxxatur residenti għall-Eġittu, is-Sudan, Formal Liaison Officer rappreżentant ta' Malta mal-Lega tal-Istati Għarab, ir-Rappreżentant ta' Malta għall-Unjoni Afrikana kif ukoll Designate Ambassador għar-Repubblika Federali Demokratika tal-Etjopja.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk hemmx xi kunflitt ta' interess li l-Ambaxxatur jixtieq jaqsam mal-kumitat jew hemmx xi okkażjoni li tista' tkun ta' imbarazzament għall-Ambaxxatur Miceli u għal min qed jaħtru. L-Ambaxxatur Miceli stqarr li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess u li qatt ma mar l-Armenja.

Waqt id-diskussjoni fil-Kumitat saret referenza għall-ġenoċidju li kien seħħ fl-Armenja u t-tensjonijiet li nħolqu b'riżultat ta' dan, li għadhom jinħassu sal-lum. Intqal li fl-Armenja, bħal f'bosta pajjiżi oħra, jidher li hemm il-volontà li tiġi modernizzata u tadatta għall-bżonnijiet tal-preżent, kif ukoll tilqa' opportunitajiet għal attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati. Issemmew, fost oħrajn, relazzjonijiet u attivitajiet bejn l-iskejjel ta' diplomazija rispettivi, żvilupp u proġetti tal-ICT u l-gaming, u t-turiżmu, kif ukoll l-aspett sportiv, bħal winter camp exchanges.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lill-Ambaxxatur Giovanni Miceli u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.20 p.m. l-Ambaxxatur Giovanni Miceli rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Ambaxxatur Giovanni Miceli għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Armenja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.21 p.m. il-Kumitat stieden lill-Ambaxxatur Miceli jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

L-Ambaxxatur Giovanni Miceli daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Armenja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.22 p.m. l-Ambaxxatur Giovanni Miceli rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-AMBAXXATUR RAYMOND SARSERO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAS-SULTANAT TAL-OMAN**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina tal-Ambaxxatur Raymond Sarsero għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Sultanat tal-Oman.

Il-Kumitat stieden lill-Ambaxxatur Raymond Sarsero sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li l-Ambaxxatur Sarsero kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

L-Ambaxxatur Raymond Sarsero daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Ambaxxatur Sarsero li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

L-Ambaxxatur Sarsero ta rendikont tal-karriera tiegħu fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, fejn spjega li beda l-karriera tiegħu bħala Second Secretary u kompla tiela' sakemm sar Ambaxxatur u serva f'diversi pajjiżi bħar-Russja, l-Arabja Sawdija, il-Kuwajt, fejn kien iservi wkoll is-Sultanat tal-Ġordan, kif ukoll kien fuq diversi delegazzjonijiet li kien akkreditat għalihom.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk hemmx xi kunflitt ta' interess li l-Ambaxxatur jixtieq jaqsam mal-Kumitat jew hemmx xi okkażjoni li tista' tkun ta' imbarazzament għall-Ambaxxatur Sarsero. L-Ambaxxatur Sarsero qal li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lill-Ambaxxatur Raymond Sarsero u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.27 p.m. l-Ambaxxatur Raymond Sarsero rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Ambaxxatur Raymond Sarsero għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Sultanat tal-Oman. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.28 p.m. il-Kumitat stieden lill-Ambaxxatur Sarsero jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

L-Ambaxxatur Raymond Sarsero daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Sultanat tal-Oman kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.28 p.m. l-Ambaxxatur Raymond Sarsero rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAN-NUTAR IAN SPITERI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAR-RUMANIJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina tan-Nutar Ian Spiteri għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għar-Rumanija.

Il-Kumitat stieden lin-Nutar Ian Spiteri sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li n-Nutar Spiteri kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

In-Nutar Ian Spiteri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lin-Nutar Ian Spiteri li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

In-Nutar Spiteri ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala nutar għal iktar minn 22 sena, u bħala Sindku tal-lokalità ta' Ħal Balzan. Stqarr li m'għandux esperjenza diplomatika, iżda l-esperjenza politika bħala Sindku għenitu jagħmel kuntatti importanti li ser jgħinuh f'din il-kariga ġdida jekk ikun approvat mill-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk hemmx xi kunflitt ta' interess li n-Nutar Spiteri jixtieq jaqsam mal-Kumitat jew hemmx xi okkażjoni li tista' tkun ta' imbarazzament għalih u għal min qed jaħtru. In-Nutar Spiteri qal li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess. Waqaf milli jkun Sindku madwar sentejn ilu u wara waqfa qasira ġie offrut din l-opportunità li lest jeħodha jekk il-Kumitat japprovah.

Kien hemm diskussjoni dwar ir-rabtiet varji diġà eżistenti mar-Rumanija, fosthom dawk kummerċjali u turistiċi. In-Nutar Spiteri spjega li mir-riċerka li għamel sab li hemm xi aspetti li huma simili bejn l-istorja politika ta' Malta u tar-Rumanija, kif ukoll aspetti komuni f'oqsma bħall-agrikoltura, fejn diġà hemm kuntatt ma' negozjanti f'dan ir-rigward. Huwa offra li jikkollabora ma' entitajiet bħall-MHRA, biex bil-ħila tal-esperjenza u l-kuntatti tiegħu fil-professjoni ta' nutar kif ukoll bħala eks sindku, tibda l-ħidma sabiex iż-żewġ pajjiżi jiggwadanjaw b'mod reċiproku.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lin-Nutar Spiteri u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.34 p.m. In-Nutar Ian Spiteri rtira mill-kamra tal-Kumitat

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tan-Nutar Ian Spiteri għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għar-Rumanija. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.36 p.m. il-Kumitat stieden lin-Nutar Ian Spiteri jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

In-Nutar Ian Spiteri daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għar-Rumanija kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.36 p.m. in-Nutar Ian Spiteri rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' PROF. CHARLES L. MIFSUD GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ARĠENTINA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Prof. Charles L. Mifsud għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Arġentina.

Il-Kumitat stieden lil Prof. Charles L. Mifsud sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Prof. Mifsud kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Prof. Charles L. Mifsud daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Prof. Charles L. Mifsud li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Prof. Mifsud ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala Professur tal-Edukazzjoni fil-Litteriżmu fl-Università b'interess fi programmi internazzjonali marbuta mas-suġġett. Huwa spjega li għandu rabtiet akkademiċi mal-Amerika Latina fejn tidħol l-edukazzjoni komparattiva. Esprima l-ħsieb li jista' jaħdem biex itejjeb ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Arġentina fuq livell kulturali u akkademiku u qal li sab li diġà hemm interess kbir minn dawn il-pajjiżi għaliex għadd ta' studenti minn pajjiżi tal-Amerika Latina jiġu Malta biex jitgħallmu l-Ingliż. Hemm ukoll interess f'work placements fl-ambitu tat-teknoloġija tal-informatika u l-kummerċ.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Adrian Delia aċċenna fuq l-importanza tal-lingwa bħala barrier breaker, u ssuġġerixxa li jiġu esplorati aspetti oħra li permezz tagħhom il-pajjiżi jistgħu jingħaqdu, pereżempju l-ikel. Prof. Mifsud qal li l-Arġentina huwa pajjiż fejn huma mitkellma bosta lingwi bħall-Ispanjol, it-Taljan u l-Ingliż. Huwa qal ukoll li hemm niċeċ żgħar tal-ekonomija fejn jistgħu jimirħu globalment, fosthom il-produzzjoni ta' apparat elettroniku, il-produzzjoni ta' affarijiet tal-lastiku, gadgets, u prodotti tal-laħam.

Għall-mistoqsija tal-Onor. Karol Aquilina dwar jekk għadux Ambaxxatur mhux residenti għall-pajjiżi Baltiċi, Prof. Mifsud qal li m'għadux u li għal dawk il-karigi kellhom jiġu appuntati Ambaxxaturi mhux residenti separatament għal kull pajjiż. Huwa żied li kien għamel żmien jgħallem l-Ingliż f'universitajiet ta' pajjiżi Baltiċi.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk hemmx xi kunflitt ta' interess li Prof. Mifsud jixtieq jaqsam mal-Kumitat jew hemmx xi okkażjoni li tista' tkun ta' imbarazzament għalih u għal min qed jaħtru. Prof. Mifsud qal li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil-Prof. Mifsud u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.44 p.m. Prof. Charles L. Mifsud irtira mill-kamra tal-Kumitat

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Prof. Charles L. Mifsud għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Arġentina. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.45 p.m. il-Kumitat stieden lil Prof. Charles L. Mifsud jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Prof. Charles L. Mifsud daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għar-Rumanija kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.46 p.m. Prof. Charles L. Mifsud irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.47 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal nhar it-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023, f'ħin li kellu jiġi kkomunikat aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**